# L-ISQOF ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TAL-GUDJA FL-1745

***(It-Tieni Parti)***

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra, konna rajna l-ewwel parti tar-rapport tal-viżta pastorali li kien beda fit-30 ta' Settembru 1745, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Paolo Alpheran de Bussan.

Wara li rajna ċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ ta' din il-viżta u kif l-Isqof beda jinvista l-artal maġġur, il-battisteru, ir-relikwiji u ħwejjeġ oħra, din is-sena se nibdew naraw it-tieni parti ta' din il-viżta.

L-Isqof beda biex isemmi l-festa ta' Santa Marija li kienet tiġi ċċelebrata fil-15 t'Awissu. Din kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni għasar u bil-quddiesa kantata. Il-knisja kienet toħroġ parti mill-ispejjeż tal-festa filwaqt li l-parti l-oħra, kienet toħroġha l-Veneranda Lampada.

Din il-Veneranda Lampada kienet ukoll responsabbli għan-numru kbir ta' quddies imħollija b'suffraġju ta' erwieħ mejtin, u li kienu jitqaddsu f'din il-knisja parrokkjali.

L-Isqof hawnhekk jagħti lista sħiħa ta' quddies imħolli. Hi lista tassew dettaljata għaliex barra l-persuna li ħalliet il-quddiesa, insibu dettalji oħra bħal ma huma s-sena, in-nutar li wettaq il-kuntratt, il-post minn fejn jinġabru l-qbiela għal ħlas ta' dan il-quddies u dettalji oħra nteressanti.

F'diversi każi, l-Isqof isemmi wkoll l-artali jew il-knejjes filjali fejn kienu jiġu ċċelebrati xi quddies.

Dettalji oħra jsemmu jekk, il-quddiesa tkunx bil-ministri jew le jew jekk jintużax l-orgni.

Il-biċċa l-kbira ta' dan il-quddies ġie mħolli lejn tmiem is-seklu sbatax, iżda nsibu wkoll l-eqdem fondazzjoni li ġġib id-data tat-23 ta' Awissu 1581. Din kienet ġiet imħollija minn Ġakbu Mascisa.

Din il-fondazzjoni tobbliga ċ-ċelebrazzjoni ta' tliet quddisiet fis-sena fl-atti tan-nutar Anton Vaticelli minn qbiela ta' art li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'Tal-Kandaċ' f'Ħal-Farruġ.

L-Isqof Alpheran imbagħad jitkellem dwar il-fratellanza tas-Sagrament li din kienet twaqqfet fit-12 ta' Marzu 1575 mill-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Duzina fil-knisja ta' Bir Miftuħ. L-Isqof isemmi kif il-fratelli kellhom l-obbligu li, lebsin il-konfratija, jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' Corpus u fil-purċissjoni Ewkaristika li kienet issir kull tielet Ħadd tax-xahar. Il-fratelli kellhom ukoll id-dmir li darbtejn fis-sena, f'Marzu u Settembru, jiċċelebraw żewġ quddisiet b'tifkira tal-fratelli mejtin. Il-prokuratur kien Dun Ġużepp Bonavia.

L-Isqof imbagħad beda jdur l-artali laterali u l-ewwel li jsemmi hu l-artal tal-Madonna tal-Konsolazzjoni. L-artal kien imżejjen u mgħammar b'kollox, saħansitra wkoll b'sett gandlieri.



Il-pittura kienet imdawra bi gwarniċ indurat u kienet tirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin, Santa Monika, u Santu Wistin. Ma' dawn kienu jidhru wkoll San Nikola u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Fuq waħda mill-iskanelli ta' l-artal, l-Isqof Alpheran isemmi li kien hemm niċċa ta' l-injam indurat u magħluqa bil-ħġieġ. F'din in-niċċa kienet ikkonservata xbieha tax-xemgħa tal-Bambin Ġesù.

Quddiem l-artal kien hemm ukoll mixgħul lampier. Fuq dan l-artal, l-Isqof Alpheran jgħid li hi mwaqqfa l-fratellanza taċ-Ċintura li kienet aggregata mal-Konfraternità ta' Santu Wistin u Santa Monika mwaqqfa fil-knisja ta' San Ġakbu l-Kbir ta' Bologna, taħt l-isem tal-Madonna tal-Konsolazzjoni.

Din l-agregazzjoni kienet saret fl-20 ta' Awissu 1727 u approvata mill-Kurja ta' Malta fit-23 ta' Jannar 1728.

Il-fratellanza kienet ukoll responsabbli mill-festa tal-Madonna taċ-Ċintura li kienet issir fl-ewwel Ħadd fuq il-festa ta' Santu Wistin.

Il-festa kienet issir bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni Għasar u kif ukoll bil-quddiesa kantata.

L-Isqof Alpheran ikompli jgħidilna f'dan ir-rapport li, fuq dan l-artal taċ-Ċintura kienet ukoll imwaqqfa s-Sodalità tal-Erwieħ tal-Purgatorju.

Il-membri kellhom id-dmir li jiġbru l-flus min-nies tar-raħal biex jiġu ċċelebrati numru ta' quddies b'suffraġju tal-erwieħ. Kienet tiġi ċċelebrata quddiesa kull xahar quddiem Ġesù Sagramentat Espost.

L-Isqof imbagħad, għadda għall-artal l-ieħor iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Fuq l-artal kien hemm sitt gandlieri u Kurċifiss indurat. Il-kwadru ta' fuq l-artal kien jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Duminku, Santa Katerina minn Siena, Santa Roza, San Girgor u San Ġorġ Martri.

Il-lampier li kienx mixgħul quddiem l-artal, kien tal-fidda. Kienu jsiru żewġ festi tal-Madonna tar-Rużarju, waħda fl-ewwel Ħadd t'Ottubru u l-oħra fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Din kienet tiġi ċċelebrata bis-sollennità għaliex kien jitkanta l-ewwel u t-tieni Għasar, issir quddiesa kantata u kienet issir ukoll purċissjoni madwar ir-raħal.

L-Isqof Alpheran isemmi ukoll li fuq dan l-artal hija mwaqqfa l-fratellanza tar-Rużarju Mqaddes.

Barra ċ-ċelebrazzjoni ta' dawn iż-żewġ festi, il-fratelli ta' din il-fratellanza kellhom ukoll id-dmir li jieħdu sehem fil-purċissjoni li kienet issir għalihom kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Kellhom ukoll id-dmir li jiċċelebraw f'sena ħames anniversarji, b'suffraġju tal-membri mejtin tagħhom.

Dawn kienu jsiru qrib il-festi tar-Rużarju Mqaddes, tal-Kandlora, tal-Lunzjata, ta' Santa Marija u tat-Twelid tal-Madonna. Kien hemm żewġ prokuraturi, Andrea Vollau u Ġużeppi Azopardo.

Fuq dan l-artal, l-Isqof Alpheran josserva li kien hemm gwarniċ tond indurat bix-xbieha tal-Madonna tad-Dawl. Benefattur u responsabbli ta' din id-devozzjoni kien Ġwanni Dalli mill-istess raħal.

Il-festa kienet issir bil-kant ta' l-ewwel Għasar u 'l quddiem quddiesa kantata fil-festa tal-Patroċinju tal-Madonna.

Fl-aħħar parti li jitkellem dwar l-artal tar-Rużarju, l-Isqof Alpheran isemmi l-obbligi taċ-ċelebrazzjoni tal-quddies marbuta ma' dan l-artal.

**5 ta' Ġunju 1991** **TONY TERRIBILE**

CHARLES MICALLEF
SWIMMING POOLS LTD.

NAXXAR ROAD, LIJA - MALTA

TEL: 415115 FAX 415115